**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 225/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Oriana Spiteri)**
**(Spettur Claire Vella Borg)**

**Vs**

**Luke Joseph Galea**

**Illum 10 ta' Diċembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **Luke Joseph Galea**, iben Stephen Galea u Maria Antonia neè Debono, imwieled il-Pietà fit-8 ta' Marzu 1989 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 126289(M), talli f'dawn il-Gżejjer, fil-perijodu ta' bejn Settembru 2016 u fix-xhur ta' qabel u/jew ta' wara, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Irċieva mingħand Raymond George Briffa, billi kiseb mingħandu xi wegħda li tingħata lilu jew lil oħrajn b'korrispettiv għal xi servizz ta' self ta' flus, imgħaxijiet jew xi qliegħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, liema qliegħ jammonta fi ħsara magħmula minnu li hija ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5,000);

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 36 tal-Kap.621 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija tikkundanna lil Luke Joseph Galea jħallas lil Raymond Briffa dak l-ammont li jista' jiġi stabbilit Minnha meta jiġi ppruvat l-ammont ta' imgħax, jew korrispettiv f'ammont, huwa b'eċċess minn dak li hu permess bil-liġi jew li xort' oħra jkun sproporzjonat b'mod grossolan mis-servizz mogħti hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 298Ċ(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lil Luke Joseph Galea għall-ħlas ta' spejjeż li

jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 u 4 tal-proċess;

Rat li l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Claire Vella Borg mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2022[2] u rat id-dokument, ossia CD, esebit minnha markat Dok. "CVB" a fol. 19 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Raymond Briffa mogħtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Mejju 2022[3], tas-17 ta' Awwissu 2022[4] u tat-28 ta' Frar 2023[5], u x-xhieda tas-Supretendent Yvonne Farrugia[6], ta' PC1207 Matthew Abela Medici[7] u ta' PC2404 Fabienne Mihajlovic[8] mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Lulju 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn PC1207 Matthew Abela Medici markat Dok. "MM" a fol. 50 sa' 85 tal-proċess u minn PC2404 Fabienne Mihajlovic markati Dok. "FM1" sa' Dok. "FM3" a fol. 88 sa' 91 tal-proċess, rat id-dokumenti markati Dok. "YF1" sa' Dok. "YF8" a fol. 35 sa' 42 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Anthony Bonnici[9], in rappreżentanza ta' GO p.l.c., u ta' l-Ispettur Oriana Spiteri[10] mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Mejju 2022 u rat id-dokument esebit minn Anthony Bonnici markat Dok. "AB" a fol. 95 tal-proċess u d-dokument esebit mill-Ispettur Oriana Spiteri markat Dok. "OS1" a fol. 98 u 99 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Lennox Vella[11] u ta' l-Avukat Dr. Ishmael Buttigieg[12], in rappreżentanza tad-Direttur ta' l-Uffiċċju ta' l-Irkupru ta' l-Assi, mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Settembru 2022 u rat id-dokument esebit mill-Avukat Dr. Lennox Vella, ossia t-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputat, markat Dok. "LV" a fol. 114 sa' 135 tal-proċess u d-dokument esebit mill-Avukat Dr. Ishmael Buttigieg, ossia Relazzjoni ta' l-Uffiċċju għall-Irkupru ta' l-Assi, markat Dok. "ARB" a fol. 137 sa' 173 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Kevin Aquilina, in rappreżentanza ta' l-MFSA, mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Settembru 2022[13] u semgħet ix-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta l-4 ta' Diċembru 2023[14];

Rat li b'Digriet datat 14 ta' Lulju 2022 inħareġ Ordni ta' Iffriżar fil-konfront ta' l-imputat[15];

- Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datat 25 ta' Novembru 2022[16], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet

[1] Fol. 13 tal-proċess.
[2] Fol. 14 sa' 18 tal-proċess.
[3] Fol. 20 sa' 25 tal-proċess.
[4] Fol. 103 u 104 tal-proċess.
[5] Fol. 183 sa' 188 tal-proċess.
[6] Fol. 43 sa' 47 tal-proċess.
[7] Fol. 48 u 49 tal-proċess.
[8] Fol. 86 u 87 tal-proċess.
[9] Fol. 94 tal-proċess.
[10] Fol. 96 u 97 tal-proċess.
[11] Fol. 112 u 113 tal-proċess.
[12] Fol. 136 tal-proċess.
[13] Fol. 175 tal-proċess.
[14] Fol. 197 u 198 tal-proċess.
[15] Fol. 92 u 93 tal-proċess.
[16] Fol. 180 tal-proċess.

maħsuba:

Fl-Artikolu 298Ċ(1)(2)(3)(4)(5) u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Fl-Artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 28H, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2022[17], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni a fol. 205 sa' 209 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-Difiża;

Rat l-atti tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli f'dawn il-Gżejjer, fil-perijodu ta' bejn Settembru 2016 u fix-xhur ta' qabel u/jew ta' wara, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Irċieva mingħand Raymond George Briffa, billi kiseb mingħandu xi wegħda li tingħata lilu jew lil oħrajn b'korrispettiv għal xi servizz ta' self ta' flus, imgħaxijiet jew xi qliegħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, liema qliegħ jammonta fi ħsara magħmula minnu li hija ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5,000).

Huwa wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni hekk dedotta fil-konfront tiegħu.

- Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 25 ta' Novembru 2022[18], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

Fl-Artikolu 298Ċ(1)(2)(3)(4)(5) u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Fl-Artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 28H, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

L-**Ispettur Claire Vella Borg**[19] xehdet illi *fis-sena 2018 kien daħal rapport mingħand ċertu Raymond George Briffa, liema rapport kien ittieħed u kien qed jiġi investigat mill-Ispettur Yvonne Farrugia sakemm fis-sena 2020, l-Ispettur Farrugia ma baqgħetx fuq dan il-każ u ġie assenjat lili kif ukoll lill-kollega tiegħi, l-Ispettur Oriana Spiteri. Minn hemmhekk, li ġara hu li qisna erġajna bdejna l-investigazzjoni mill-bidu u għalhekk konna bgħattna għas-Sur Raymond George Briffa sabiex jagħtina overview ta' x'ġara u x'ma ġarax u fiex kien jikkonċerna l-każ tiegħu, liema każ kien jirrigwardja użura. Il-każ illi kien qalilna bih u li jittratta fuq dan il-każ, għax kien semmielna diversi nies li ovvjament il-Pulizija investigathom u għadha għaddejja bl-investigazzjoni fil-konfront tagħha, il-każ ġara bejn Settembru tas-sena 2016, dan*

[17] Fol. 181 tal-proċess.
[18] Fol. 180 tal-proċess.
[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2022, fol. 14 sa' 18 tal-proċess.

*skond kif kien qalilna hu, sa' Awwissu tas-sena 2018. L-ammonti kienu jvarjaw, f'Settembru tas-sena 2016 kien qalilna illi kien talab €1,000 lis-Sur Luke Joseph Galea u f'Novembru tas-sena 2016 … kellu jagħtih €2,000 in return. F'Jannar tas-sena 2017 talbu €1,500 is-Sur Briffa u f'Marzu tas-sena 2017 tah lura €3,000. F'Mejju tas-sena 2017, Briffa talab lil Joseph €2,500 u sa' Lulju tas-sena 2017 tah €5,000 tagħhom. F'Ottubru tas-sena 2017, Briffa talab lil Joseph €500 u Joseph in return talbu €1,000 tagħhom. F'Jannar jew Frar tas-sena 2018, Briffa talab lil Joseph €2,000 u f'Mejju tas-sena 2018 tah lura €4,400. F'Ġunju tas-sena 2018, Briffa talab lil Galea €2,500 u sa' Awwissu tas-sena 2018 kellu jagħtih €4,000 però l-allegat vittma ma laħaqx ħallsu lura. Ġie mistoqsi jekk għandux irċevuti jew karti li juru dawn it-tip ta' kambjali bejniethom jew qbil però l-vittma ma pprovdihomlnhiex u qalilna li qatt ma eżistew. Fit-3 ta' Marzu ta' din is-sena konna kellima lis-Sur Luke Joseph Galea, konna ħadnielu stqarrija, konna għidnielu fuq xiex kien se jiġi mitkellem u mill-ewwel indikalna illi t-tali Briffa ma kienx hemm fiex jitfixkel għas-sempliċi raġuni illi s-Sur Galea kien qalilna li hu ma jsellifx flus lin-nies imma kien jaf lil dan Raymond Briffa għaliex kienu jiltaqgħu ġewwa ċ-Cherries Bar f'Birżebbuġia, u hemmhekk kien proprju Raymond Briffa illi kien avviċina lil Luke, kien hemm drabi wkoll li kien infaqa' jibki u kien tħassru u biex jgħinu, skond dejjem kif qalilna Luke Joseph Galea, kien tah il-flus. Però innega kompletament l-ammonti li aħna għidnielu li kien qalilna bihom is-Sur Raymond Briffa. Bdejna bl-€1,000 li kien indikalna l-complainant u hu qalilna li kien proprju l-complainant li se jagħti €50 lil Galea u ma kienx hu ta' dawn il-€50 ta' self ta' l-€1,000 li kien se jaċċettahom jew talabhomlu bl-ebda mod. Kien proprju l-vittma illi biex isellfu u forsi jagħmillu kuraġġ biex jagħtihomlu, tah €50 ta' dawn. Raymond qatt ma qallu fiex kien se jużahom dawn il-flus iżda Galea kien jaf illi Briffa kellu jagħti flus lil diversi nies. Kien hemm diversi drabi u ma kinitx a one time of skond is-Sur Galea waqt l-istqarrija, però kien hemm madwar ħames darbiet. Ċaħad li talbu iktar l-ammont kif digà għedt u li ġara wkoll hu li darba ma bediex ilaħħaq mal-pagament dak li hu dejjem dovut lil Galea però mhux exceeding l-ammont li jiena semmejt, is-Sur kien mar wara l-bieb tiegħu jew ta' missieru, staqsa għal Briffa biex jagħtih dak li huwa tiegħu u proprju ma kienx hemm. Beda jċempillu u beda jibghaħtlu l-messaġġi, is-Sur Raymond Briffa kien irrappurta, kienu ttieħdu passi kontra s-Sur Luke Galea rigward theddid, però l-istorja waqfet hemm u qatt ma ġie investigat dwar fuq xiex kien dan it-theddid u x'naf jien. Fir-rigward, kellna allegazzjonijiet oħra minn Briffa, kien qalilna li bħala garanzija Joseph kien talab lil Briffa l-ID Card tiegħu però kif għidna x'ġara lil Galea, Galea ċaħad kompletament u qalilna li proprju kien il-complainant, jiġifieri Briffa, li offra hu li jagħtih l-ID card sabiex iżommha. Fil-verità meta Briffa kellu bżonn ID card għall-impjieg, kien proprju Galea li tahielu mingħajr problemi ta' xejn. Skond il-complainant ukoll, għad fadallu x'jiehu u biex jgħix ħajja trankwilla m'għadux ikellem lil Briffa. Però Galea mill-istqarrija li hu qalilna, hu għad fadallu x'jieħu dak li huwa dovut u mhux extra fuq li kien is-self bejniethom bażikament. Erġajna staqsejna jekk kienx hemm xi karti jew għandux xi karti hu li jista' jsaħħaħ l-argument tiegħu, qalilna li karti qatt ma kienu eżistew, kienu jafu lil xulxin u allura fdah, kien sempliċement ried jgħinu u mhux jużurah.*

L-Ispettur Vella Borg ippreżentat l-istqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. "CVB" a fol. 19 tal-proċess.

In kontro-eżami l-Ispettur Vella Borg iddikjarat li bejn Settembru 2016 u Awwissu 2018, Raymond Briffa kien issellef mingħand l-imputat is-somma ta' €10,000 bħala kapital, mentri l-imputat jikkontendi li tul l-imsemmi perijodu huwa sellef Raymond Briffa s-somma ta' €1,000 għal ħames darbiet [ossia s-somma ta' €5,000], dejjem bħala kapital.

Iddikjarat ukoll li skond Raymond Briffa, għall-ammont li huwa ssellef mingħand l-imputat, ħallsu lura s-somma ta' €15,400, ossia €10,000 bħala kapital u €5,400 oltre l-kapital. Stqarret ukoll li *mill-informazzjoni li dejjem tana l-vittma ... il-vittma ma kienx biss issellef mingħand is-Sinjur imma kien hemm diversi nies oħra illi ssellef mingħandhom. Aħna nafu li mill-investigazzjoni għax aħna kellimna lill-vittma, għandu problema ta' flus. Allura biex iġib il-flus, kien imur jissellef mingħand is-Sinjur kif ukoll diversi nies oħra sabiex jaqta' lil nies oħra*. Dwar il-Karta ta' l-Identità ta' Raymond Briffa, l-Ispettur Vella Borg stqarret illi ma kenitx għand l-imputat, *jekk hijiex għand Briffa ma nistax imwieġbek fil-preżent għax ma rridx niżgwida b'mod ieħor. Però li naf żgur hu li għand is-Sur Galea m'hijiex.*

L-**Ispettur Oriana Spiteri**[20] xehdet illi *fis-sena 2020 jiena kont ingħatajt struzzjonijiet mingħand id-Deputat Kummissarju Alexandra Mamo biex flimkien ma' l-Ispettur Claire Vella Borg naħdmu fuq file li oriġinarjament kien assenjat lill-Ispettur, illum Supretendent, Yvonne Farrugia. Kellna laqgħa mas-Supretendent Yvonne fejn kienet tatna briefing ta' x'kien jikkonsisti dan il-file. Wara li konna ħadna din l-investigazzjoni, jiena kont bgħatt għal Raymond George Briffa fejn kont ħadtlu dikjarazzjoni bl-audio visual fejn huwa kien qalli li għandu l-vizzju tal-karozzi tar-remote control u minħabba dan il-vizzju kien jissellef xi flus mingħand diversi nies. Huwa mbagħad kien qalli li daqs kemm kien jissellef flus kien spiċċa jissellef mingħand persuna waħda biex jaqta' d-dejn minn ma' l-oħrajn. Fir-rigward ta' Luke Joseph Galea, Raymond kien qal li ltaqa' miegħu s-Sherries Bar li jinsab Birżebbuġia fis-sena 2016 u li dan kien staqsieh biex isellfu xi flus. Huwa qal li ħafna mill-kuntat bejnu u bejn Luke Joseph Galea kien isir permezz ta' Facebook għaliex qatt ma kellu n-numru tat-telephone tiegħu. Kien qal li meta kien jiltaqa' miegħu, kien jiltaqa' miegħu Birżebbuġia fejn il-Miracle Foods jew ġewwa Triq it-Tgeżwira, Ħal-Għaxaq, u darba minnhom anki kien iltaqa' miegħu Għar Dalam. Huwa qal li Luke Joseph Galea kien talbu l-I.D. Card, fejn Raymond kien tahielu u spjega wkoll li sal-lum il-ġurnata din l-I.D. Card kienet għadha tinsab għand Luke Joseph Galea. Huwa qal li meta kien mar ġewwa l-uffiċċju ta' l-Ispettur Yvonne Farrugia biex ikellimha, Luke Joseph Galea kien ċempillu min-numru 79356096 u dak il-ħin, x'ħin ċempillu, kien għamlu speaker u kien allega wkoll li Luke kien heddu fuq Facebook Messenger. Qalilna ukoll li dak iż-żmien kienu ttieħdu proċeduri quddiem il-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli. Mistoqsi jekk kien hemm xi karti li juru li sellfu l-flus, huwa qal li qatt ma kien hemm karti u li l-wegħda dejjem kienet issir bil-fomm.*

In kwantu rigwarda l-ammonti allegatament mislufa mill-imputat lil Raymond Briffa u dak imħallas lura minn Briffa, l-Ispettur Spiteri essenzjalment ikkonfermat dak li xehdet l-Ispettur Claire Vella Borg. Bl-istess mod hija kkonfermat dak mistqarr mill-Ispettur Vella Borg dwar l-istqarrija rilaxxata mill-imputat u l-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minnu. L-Ispettur Spiteri ppreżentat ir-resumè ippreparat minn Raymond Briffa fuq struzzjonijiet ta' l-Ispettur Yvonne Farrugia - Dok. "OS1" a fol. 98 tal-proċess - fir-rigward tan-nies li skontu ssellef mingħandhom, kemm issellef u kemm ħallas lura. B'mod speċifiku fir-rigward ta' l-imputat, skond dan ir-resumè Briffa ssellef u ħallas lura: €1,000 f'Settembru 2016 - €2,000 Novembru 2016, €1,500 f'Jannar 2017 - €3,000 f'Marzu 2017, €2,500 f'Mejju 2017 - €5,000 f'Lulju 2017, €500 f'Ottubru 2017 - €1,000 f'Diċembru 2017, €2,000 f'Jannar/Frar 2018 - €4,400 f'Mejju 2018, €2,500 f'Ġunju 2018 - €4,000 22 ta' Awwissu 2018 - iżda minn dana l-aħħar ammont Briffa ma ħallas

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Lulju 2022, fol. 96 u 97 tal-proċess.

xejn lill-imputat bil-konsegwenza li ried li b'effett mis-16 ta' Settembru jibda jħallas €1,000 biex b'kollox iħallas €5,000.

Is-**Supretendent Yvonne Farrugia**[21] xehdet illi *fis-sena 2018 jiena kont stazzjonata fit-Taqsima ta' l-Economic Crimes Unit fi ħdan il-Korp tal-Pulizija u hemmhekk kont irċevejt file, rapport illi kien għamel Raymond Briffa, rapport li kien jirrigwardja użura u li kien jinvolvi diversi persuni fosthom Luke Joseph Galea. Jiena kont irċevejt dan il-file u at some point, mill-informazzjoni li għandi, f'xi Settembru tas-sena 2018 fejn jien kont bgħatt għas-Sur Raymond Briffa sabiex jagħtini iktar informazzjoni dwar dan ir-rapport. Fil-fatt is-Sur Briffa kien ġie l-uffiċċju tiegħi u beda jgħidli u jirrakkontali dak li kien għaddej minnu, fil-fatt, ir-rapport li kien għamel rigward użura kien jinvolvi diversi persuni anke kien semmieli uffiċjal pubbliku u fejn jiena, on that day, fis-7 ta' Settembru tas-sena 2018, u naf il-ġurnata għax proprju dakinhar kien anke urieni mill-mobile tiegħu xi messaġġi li kellu u dak il-ħin jien kont ħadt ritratt mill-mobile tiegħi u stajt inisb anke u naħseb dan l-istess ritratt kont għaddejtu permezz ta' email lill-Ispettur Oriana Spiteri. Minħabba l-fatt tal-kumplessità ta' l-informazzjoni li beda jgħaddili Raymond Briffa, jien kont għedtlu sabiex jagħmel resumè fuq kull persuna ta' xi flejjes kienu għaddew u kont tlabtu sabiex jgħaddili permezz ta' email. Din l-email kien kont irċevejtha, suppost tifforma wkoll parti mill-file tal-Pulizija ta' l-investigazzjoni … Kien ukoll waqt din l-intervista li kelli ma' Raymond Briffa dakinhar, waqt li konna qegħdin nitkellmu, Raymond Briffa kien irċieva telefonata u li hu kien ukoll qalli illi kien poġġa xi application fil-mobile tiegħu li qed jirrekordja l-konversazzjonijiet ta' dawk it-telefonati li qed jirċievi u niftakar illi kont preżenti waqt din it-telefonata. Il-kontenut tat-telefonata ma niftakrux bl-eżatt però nifhem illi wkoll ġie esebit f'dawn il-proċeduri. Li niftakar ukoll u li allura kont tlabt lill-Ispettur Oriana Spiteri sabiex tippreżenta f'din il-kawża kienu ukoll sensiela ta' screenshots illi Raymond Briffa kien bagħtli permezz ta' email ta' xi messaġġi li Luke Joseph Galea kien qed jibgħatlu u anke tal-missed calls li kienu qed isiru bejniethom*[22]*. Ovvjament, l-investigazzjoni kienet komplessa għall-fatt illi jiena bdejt ninvestiga mhux biss l-użura, fis-sens illi bdejt nagħmel financial investigations fuq dawn il-persuni u anke fuq Raymond Briffa stess u għalhekk l-investigazzjoni ttawlet ftit u sakemm jiena ġejt appuntata fil-posizzjoni li qed nokkupa llum ta' European Prosecutor, din l-investigazzjoni ma kenitx konkluża ovvjament u kont għaddejt din l-investigazzjoni lis-Superjuri tiegħi dak iż-żmien u naf illi kien hemm l-Ispettur Oriana Spiteri u Claire Borg jekk mhux sejra żball, li kienu ġew assenjati sabiex ikomplu din l-investigazzjoni.*

Fir-rigward tat-telefonata li Raymond Briffa rċieva waqt li kien qiegħed l-uffiċċju tagħha, is-Supretendent Farrguia żiedet tgħid illi *minn dak li kien qalli Raymond Briffa, ovvjament jien lil Luke Joseph Galea qatt ma kellimtu, qatt ma interrogajtu, kont qed ninvestigah iva, però l-investigazzjoni kienet għadha b'mod diskret. Luke Joseph Galea, peress illi qatt ma kelllimtu, ma nistax ngħid illi kien hu però skond x'qalli Raymond Briffa, it-telefonata li kien irċieva dak il-ħin waqt li kien l-uffiċċju tiegħi, qalli li dan il-persuna kien Luke Joseph Galea.* Stqarret ukoll illi *jiena kelli diversi kuntatti ma' Raymond Briffa u kont inżomm il-kuntatt, jiġifieri jekk hu ġie jagħmel ir-rapport fis-sena 2018, sas-sena 2020, b'mod frekwenti, kien jibgħatli emails biex jara x'sar mir-rapport tiegħu, kont nagħtih updates, ġieli kien jibgħatli wkoll li kien qed ikun mhedded u kont nibgħatu jagħmel rapport l-għassa. … u at some point kont ukoll bgħattu sabiex*

[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Lulju 2022, fol. 43 sa' 48 tal-proċess.
[22] Dawn huma d-dokumenti markati Dok. "YF1" sa' Dok. "YF8" a fol. 35 sa' 42 tal-proċess.

*jiġi mgħejjun ukoll mill-Victim Support Unit fi ħdan il-korp tal-Pulizija. … at some point kont bgħattu wkoll is-Cyber Crime Unit però dan kont ukoll ingaġġajt lil xi ħadd mill-uffiċċju tiegħi sabiex jakkumpanjawh is-Cyber Crime Unit sabiex iniżżlu il-messaġġi li kellu fuq il-mobile … technically jagħmlu extract ta' dawk il-messaġġi u jniżżluhom fuq forma ta' CD sabiex jiġu ppreżentati bħala evidenza.*

In kontro-eżami s-Supretendent Yvonne Farrugia stqarret illi Raymond Briffa kien għamel rapport fil-konfront ta' xi ħamsa jew sitta min-nies iżda ma tiftakarx l-ismijiet, u stqarret ukoll li minn dawn il-persuni kien hemm uħud minnhom li kienu qed jheddu lil Briffa. Mistoqsija għalfejn bdiet financial investigation anke fil-konfront ta' Raymond Briffa, is-Supretendent Farrugia wieġbet illi *peress li hu kien qed jirċievi xi flejjes, cioè kien qed jissellef xi flejjes, jiena ridt inkun naf il-qagħda finanzjarja tiegħu u ridt inkun naf biex nara l-istampa kollha. Meta bdejt nagħmel l-investigazzjoni, jien ridt nara l-istampa kollha. Meta bdejt nagħmel l-investigazzjoni, jien ridt nara l-istorija holistika mhux ovvjament dak li kien qed jgħidli hu, imma ridt nara l-qagħda finanzjarja kollha tal-persuni involuti. … L-investigazzjoni kienet għadha għaddejja u ovvjament meta qed ngħid financial investigation, ridt nara hu x'xogħlijiet ħadem, x'kien jaħdem, jekk kellux xogħol, jekk kellux flejjes il-bank. … Milli niftakar ma kinitx konkluża l-financial investigation.* Mistoqsija jekk lil min ġie warajha tathomx istruzzjonijiet sabiex ikomplu din il-financial investigation, is-Supretendent Farrugia wieġbet *dik kienet diskrezzjonali mbagħad ta' l-Ispettur li se jieħu over. Jiena ovvjament meta bdejt ninvestiga dan il-każ, ma bdejtx nara lil Raymond biss jew lil Luke biss jew lill-persuni l-oħrajn biss. Jiena bdejt nara l-istampa kollha u qed ngħid hekk għaliex meta Raymond Briffa għamel rapport, milli niftakar, hu kien qed jissellef mingħand persuna biex ikun jista' jħallas lill-persuna oħra. Għaldaqstant jiena ridt nara ċ-ċirku kollu u ma stajtx nara wieħed individwali.* Mistoqsija tikkonferma li meta Raymond Briffa għamel ir-rapport inizjali tiegħu huwa ma kienx irrapporta lill-imputat imma l-imputat daħal fil-kwistjoni in segwitu għat-telefonata li Briffa rċieva waqt li kien l-uffiċċju tagħha, is-Supretendent Farrugia wieġbet *jien illum ma nistax nikkonfermah però rrid nagħmel referenza għall-file għaliex jekk fil-bidu meta kien għamel l-allegazzjoni inizzjali ovvjament ma nafx kemm kienu. Però meta ġie għandi, the actual complaint li bdiet meta hu ġie jagħmel ir-rapport ma nistax niftakar jekk kienx bagħat ittra jew naf li kien infetaħ file u kien ġie għandi sabiex ninvestigah and at some point jiena bgħatt għalih biex nisma' hu x'għandu xi jgħid. Naf ukoll illi meta kien ġie għandi beda jsemmili diversi nies u saret din it-telefonata. Mela allura x'ġara? Jien kont għidtlu "Isma, ħu paċenzja, mur id-dar għamel resumè ta' min huma l-persuni, x'issellift mingħandhom, x'talbuk u x'ħallasthom biex jien inkun nista' nkompli ninvestiga." Wara dik il-ġurnata mbagħad li saret it-telefonata mingħand Luke, hu bagħtli email b'dan ir-resumè ta' kull persuna. F'dik ir-resumè ta' kull persuna hemm ir-resumè wkoll ta' Luke Joseph Galea.*

**PC1207 Matthew Abela Medici**[23], uffiċjal tal-Pulizija stazzjonat is-Cyber Crime Unit, xehed illi fis-7 ta' Settembru 2018 irċieva struzzjonijiet mingħand l-Ispettur Yvonne Farrugia sabiex jippreserva chats li Raymond Briffa kellu fuq l-account tiegħu ta' Facebook. B'hekk meta Briffa mar l-uffiċċju tiegħu, PC1207, bil-kunsens ta' l-istess Briffa, daħal fl-account u ppreserva chats indikati lilu minn Briffa, liema chats kellhom is-segwenti profile names: LB Lucas, Luke Juve, Nevise X Rayden u Renald Farrugia. Sussegwentement fil-15 ta' Settembru 2018, Raymond Briffa reġa' aċċeda fis-Cyber Crime Unit u hemm ġew preservati chats bil-profile name Rayden Babbakku. PC1207 Abela Medici ppreżenta r-Rapport relattiv markat Dok. "MA" a fol. 50 sa' 85 tal-proċess.

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Lulju 2022, fol. 48 u 49 tal-proċess.

**PC2404 Fabienne Mihajlovic**[24] xehdet illi fis-sena 2020 hija kienet irċeviet struzzjonijiet mingħand l-Ispettur Yvone Farrugia sabiex tagħmel analiżi tal-call logs ta' Raymond Briffa. Intbagħtu requests lis-Service Providers u l-call logs pertinenti għal dan il-każ ġew esebiti bħala Dok. "FM1" u Dok. "FM2" a fol. 88 u 90 tal-proċess. Apparte minhekk esebit recording tat-telefonata li Raymond Briffa rċieva waqt kien fl-uffiċċju ta' l-Ispettur Yvonne Farrugia, markat Dok. "FM3" a fol. 89 tal-proċess.

**Raymond Briffa**[25], l-allegat vittma f'dawn il-proċeduri, xehed illi lill-imputat sar jafu fl-2016 u li *sirt nafu Birżebbuġia bejn Mejju u Awwissu tas-sena 2016, kelli bżonn xi ħaġa tal-flus fis-sena 2016 u kont għidtlu u kien qalli "Naf lil xi ħadd isellef il-flus dak iż-żmien" ... Kont issellift il-flus. F'Settembru tas-sena 2016 kont issellift €1,000.* Stqarr li ssellef dawn il-flus mingħand l-imputat u li *f'Novembru ta' dik is-sena stess ħallast €2,000.* Mistoqsi x'kien il-ftehim bejniethom dwar din is-somma ta' €1,000 li ssellef mingħand l-imputat, Raymond Briffa stqarr *li jagħtihomli dawn l-€1,000 u nagħtih lura €2,000 ... f'Novembru.* Mistoqsi kif sar dan il-ftehim, Briffa wieġeb *kont nibgħatlu fuq Facebook dak iż-żmien* u xehed ulterjorment illi *mbagħad f'Jannar tas-sena 2017 sellifni €1,500 u f'Marzu tas-sena 2017 tajtu €3,000. ... Għax kien talabni €3,000 lura tagħhom. F'Mejju tas-sena 2017 tlabtu €2,500 u f'Lulju tas-sena 2017 tajtu €5,000... Għax hekk kien ikun is-self, tissellef per eżempju lira u tħallas tnejn.* Mistoqsi min kien jagħmel dan il-ftehim, Briffa wieġeb *jien u hu flimkien* u mistoqsi minn kien jissuġerixxi l-ammonti, wieġeb *jien kont naqbel dak iż-żmien.* Żied jgħid illi *f'Ottubru tas-sena 2017 issellift €500 u f'Diċembru tas-sena 2017 tajtu €1,000 bejn Jannar u Frar tas-sena 2018 tani €2,000 u fis-16 ta' Mejju tas-sena 2018 tajtu €4,400 imbagħad f'Ġunju tas-sena 2018 tani €2,500 li kelli nagħtih tagħhom €4,000 u dawk ma kont ħallast xejn minnhom. Imbagħad niftakar kienet bagħtet għalija l-Ispettur dak iż-żmien Yvonne Farrugia u kien ċempilli number 79356096, ma kontx naf ta' min hu għax jiena qatt ma kelli number tiegħu u l-Ispettur qaltli biex inwieġbu u kien Luke. Imbagħad semgħet it-telefonati kollha għax dawk l-€4,000 qalli "Mela issa tini €5,000) u kont se nħallashom jew €400 jew €500 fix-xahar. Imbagħad darba kien ġie ħdejn id-dar u kont għadni rieqed filgħodu u konna tlajna quddiem mingħalija l-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli imma ma kontx xehedt jien għax hu fil-verità ħabib tiegħi u issa qisna ftehmna li hu ma jridhomx lura dawn il-flus.* Mistoqsi meta sar dan l-aħħar ftehim, Briffa wieġeb *xi sena ilu tkellimna Facebook u qalli li ma jridhomx dawn il-flus.* Stqarr li din ic-chat partikolari kien ħassarha iżda xi chats oħra dwar is-self kienu qegħdin għand l-Ispettur Yvonne Farrugia u stqarr *Yvonne kienet ħadet ritratt tagħhom, kont mort is-Cyber Crime fid-Depot stess u qegħdin għandha.*

In kontro-eżami Raymond Briffa xehed illi meta l-imputat kien qallu li kien jaf lil xi ħadd li seta' jsellfu l-flus, l-imputat kien semmielu lil Bona. Ikkonferma li huwa lill-imputat ma kienx irrappurtah iżda l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu nqalgħet b'kumbinazzjoni meta l-Ispettur Yvonne Farrugia kienet semgħet it-telefonata bejnu u bejn l-imputat dakinhar li kien qiegħed l-uffiċċju tagħha. Stqarr li mobile number ta' l-imputat ma kellux, għad illi ssellef €10,000 mingħandu, għaliex huma kienu jikkomunikaw tramite Facebook iżda c-chats ta' dak iż-żmien dwar is-self kien ħassarhom.

---

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Lulju 2022, fol. 86 u 87 tal-proċess.
[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2022, fol. 20 sa' 25 tal-proċess.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-17 ta' Awwissu 2022[26], Raymond Briffa għaraf li id-dokumenti markati Dok. "YF1" sa' Dok. "YF8" a fol. 35 sa' 42 tal-proċess juru xi chats li kienu jibagħtu bejniethom via Facebook hu u l-imputat. In oltre kkonferma ukoll li d-dokument a fol. 58 tal-proċess juri chats ulterjuri bejniethom. In kontro-eżami waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2023[27], Raymond Briffa kkonferma li huwa kellu problemi finanzjarji minn qabel ma ltaqa' ma' l-imputat u li kien tkellem ma' l-imputat dwar dawn il-problemi. Ikkonferma wkoll li kien qed jiġi ppressat minn nies li kienu jsellfu flus u l-imputat ġablu €1,000 mingħand terza persuna peress illi l-imputat ma kienx bniedem li seta' jsellfu flus minn tiegħu mil-lum għall-għada. Għall-mistoqsija *u allura ara jekk hux qed ngħidlek sew, illi fil-verità kull meta inti ingħatajt xi flus mingħand is-Sur Luke Joseph Galea, dak illi kien qed jintalab, jiġifieri jekk per eżempju l-€1,000, trid tħallas lura €1,500 jew trid tħallas lura €2,000, fil-verità ma kienx qed jiġborhom hu iżda kienu qegħdin jinġabru mingħand il-persuna li Luke Joseph Galea kien qed iġib il-flus mingħandu. Inti tafu dan? U ara jekk hux qed ngħidlek tajjeb u forsi nfakkrek ftit iżjed, illi meta kienu jiġu l-flus, kien jagħtihomlok hu undoubtedly?* Raymond Briffa wieġeb *iva, hemmhekk all right.* Għall-mistoqsija ulterjuri *u int kont tgħidlu "Ħa 50" qisek biex tirringrazzjah tal-pjaċir, veru?* Briffa wieġeb *iva, imbagħad konna waqafna għaliex jien kien jagħtini l-flus missieri, kien ikolli nissellef €1,000, jagħtini l-flus missieri, imbagħad ma baqax jagħtini l-flus missieri u waqafna.* Briffa kkonferma li meta l-imputat kien jiġri warajh għall-ħlas, huwa, ossia l-imputat, a sua volta kien ikollu lill-persuna mingħand min ġab il-flus tiġri warajh u stqarr illi hu u l-imputat kienu u għadhom ħbieb. Ikkonferma wkoll li dak li qala l-imputat minn din il-kwistjoni kienu dawk il-€50 li huwa kien jagħtih minn jeddu. Ikkonferma li dak kollu li kien ġablu l-imputat bħala flus, tħallas kollu lura, iżda stqarr ukoll li l-imputat kien jgħidlu li mingħand minn ottjena l-flus, jekk ad eżempju tah €1,000, in ritorn ried €2,000.

**Kevin Aquilina**[28], in rappreżentanza ta' l-MFSA, xehed illi l-imputat ma huwiex liċenzjat mill-istess MFSA sabiex jopera bħala bank jew jsellef il-flus.

L-**imputat**[29] xehed illi l-flus misluf lil Raymond Briffa ma kienux flus tiegħu iżda ta' ċertu Ganni mir-Raħal Ġdid u kien oriġinarjament semma lil Bona għaliex kienu nies magħrufa li jsellfu l-flus u ma riedx idaħħal lil dan Ganni fi problema.

**Dr. Lennox Vella**[30] ppreżenta t-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputat markata Dok. "LV" a fol. 114 sa' 135 tal-proċess.

**Dr. Ishmael Buttigieg**[31], in rappreżentanza ta' l-Uffiċċju ta' l-Irkupru ta' l-Assi, ippreżenta r-Relazzjoni ta' l-istess Uffiċċju fir-rigward ta' l-assi ta' l-imputat - Dok. "ARB" a fol. 137 sa' 173 tal-proċess.

**Imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli f'dawn il-Gżejjer, fil-perijodu ta' bejn Settembru 2016 u fix-xhur ta' qabel u/jew ta' wara, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Irċieva mingħand Raymond George Briffa, billi kiseb mingħandu xi wegħda li tingħata lilu jew lil oħrajn b'korrispettiv għal xi servizz ta'

[26] Fol. 103 u 104 tal-proċess.
[27] Fol. 183 sa' 188 tal-proċess.
[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Settembru 2022, fol. 175 tal-proċess.
[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2023, fol. 197 u 198 tal-proċess.
[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2022, fol. 112 u 113 tal-proċess.
[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2022, fol. 136 tal-proċess.

self ta’ flus, imgħaxijiet jew xi qliegħ ieħor taħt liema għamla jkun b’eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, liema qliegħ jammonta fi ħsara magħmula minnu li hija ta’ aktar minn €5,000.

Din l-imputazzjoni hekk dedotta fil-konfront ta’ l-imputat tinsab riflessa fin-Nota ta’ Rinviju għall-Ġudizzju ta’ l-Avukat Ġenerali stante li hemm indikat l-Artikolu 298Ċ(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

L-imsemmi provvediment tal-Liġi jiddisponi li: *(1) Kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b’korrispettiv għal xi self, imgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b’eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tmintax-il xahar u għall-ħlas ta’ multa minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) sa’ erbgħa u tletin elf disa’ mija u erbgħin Euro u sittin ċenteżmu (€34,940.60).*

Huwa ormai assodat fis-sistema ġuridika nostrali li r-reat ta’ użura previst fl-Artikolu 298Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta *ġie fformulat fuq l-artikolu 644 tal-Codice Penale Taljan għalkemm il-kliem adoperat mil-leġislatur Malti mhuwiex identiku għal dak l-artikolu tal-Liġi, liema disposizzjoni tal-liġi Taljana sussegwentement ġiet emendata. Dan ifisser allura illi “l-uniku element meħtieġ fil-liġi tagħna hu li dak li jkun jikseb wegħda li jingħataw b’korrispettiv ta’ self, imgħaxijiet jew xi qliegħ ieħor b’eċċess ta’ dak li jkun permess mil-Liġi. Dan l-eċċess jitkejjel fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi għal rata ta’ 8%. Hemm imbagħad Artikolu 1854 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li fejn ir-rata ta’ imgħax ma tkunx ġiet miftehma, l-imgħax għandu jitqies bil-5%. Għal dan il-prinċipju hemm xi eċċezzjonijiet li japplikaw fil-każijiet ta’ banek, meta jinħarġu bonds għall-pubbliku, eċċetera, fejn ikun permess li dak li jkun jintrabat għall-ħlas ta’ imgħax ta’ aktar minn 8%, li però kjarament mhumiex rilevanti għall-każ in diżamina”. Mela allura b’applikazzjoni ta’ dan l-insenjament u ta’ dak li tipprovdi il-liġi jirriżulta illi l-konsumazzjoni tar-reat iseħħ hekk kif issir il-wegħda li jitħallas imgħax ogħla minn dak permess bil-liġi. Igħid hekk il-ġurista Francesco Antolisei: “La consumazione si verifica nel momento in cui gli interessi o vantaggi usurari sono dati o semplicemente promessi, e cioè nel momento della patuazione”. Il-ġurista jkompli jgħid illi huwa tal-fhema illi dan ir-reat għalkemm wieħed istantanju (u mhux reat permanenti) madanakollu għandu effetti permanenti u dan tul iż-żmien meta jsiru l-ħlasijiet relattivi ta’ l-imgħaxijiet in esekuzzjoni tal-patt użurarju bil-konsumazzjoni ta’ l-istess iżda isseħħ mal-mument tal-kontrattazzjoni lleċita. Ikompli dwar l-element formali tar-reat: “Il dolo è costituito dalla volontà di farsi dare u promettere determinati interessi o vantaggi che superano il limite legale, con la coscienza … che gli interessi o altri vantaggi o compensi sono sproporzionati rispetto all propria prestazione…”. Mela allura dak illi jrid jirriżulta mill-provi huwa qabel xejn dan il-ftehim ta’ self bejn il-vittma u l-awtur tad-delitt, bil-konsapevolezza ta’ l-awtur illi qed jintalab imgħax jew qliegħ in eċċess minn dak permess fil-liġi. “Kull ma hu meħtieġ hu li l-mutwant ikun konsapevoli tal-fatt li qed jislef flus versu korrispettiv, imgħax jew qliegħ ieħor li jkun in eċċess għal dak permess mil-liġi. Evidenza ta’ din l-intenzjoni tista’ tiġi preżunta minn atti li jkunu jindikaw li qed tinħeba l-vera portata u n-natura tas-self u l-korrispettiv … Lanqas ma hu meħtieġ li jiġi pruvat li jkun il-*

*mutwant li jkun għamel xi pressjoni fuq il-mutwatarju biex jidħol għal dak is-self abużiv. Biżżejjed li jkun hemm l-aċċettazzjoni tat-tnejn*[32].

Mill-provi prodotti jirriżulta b'mod ċar ħafna li Raymond Briffa ssellef diversi ammonti ta' flus fuq medda ta' żmien bejn Settembru 2016 u Ġunju 2018 u meta dawn l-ammonti tħallsu lura minnu, huwa ħallas ferm iktar minn dak li ġie lilu misluf, pratikament ħallas id-doppju kull darba. Jirriżulta b'mod ċar ħafna wkoll li dawn il-flus għaddew għand Raymond Briffa tramite l-imputat, iżda jirriżulta daqstant ieħor b'mod ċar li l-flus mislufa lil Raymond Briffa ma kienux ta' u ġew direttament mingħand l-imputat, iżda l-imputat kien ottjena tali ammonti ta' flus mingħand terz u imbagħad għaddihom lil Briffa u għadda wkoll il-messaġġ dwar kemm kellu jitħallas lura minn Briffa **u** kien jiġri warajh sabiex u sakemm jottjeni tali ħlas għola. L-imputat għalhekk kien intermedjarju f'din il-kwistjoni kollha. Dana joħroġ ferm ċar mic-chats esebiti bħala Dok. "YF1" sa' Dok. "YF8" a fol. 35 sa' 42 tal-proċess, mill-extractions tal-Facebook messages tal-profil Luke Juve a fol. 58 u 59 tal-proċess, kif ukoll mit-telefonata li Raymond Briffa rċieva meta kien qiegħed l-uffiċċju ta' l-Ispettur Yvonne Farrugia Dok. "FM3" a fol. 89 tal-proċess. Fattur ieħor li juri ben ċar l-involviment ta' l-imputat f'dan kollu hija d-dikjarazzjoni tiegħu fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2023[33] li l-flus kienu ta' wieħed Ganni mir-Raħal Ġdid, ma semmiehx b'ismu għaliex ma riedx idaħħlu fl-inkwiet, u kien minflok semma lil Bona għaliex *dak iż-żmien huma kellhom dik ir-reputazzjoni.*

Raymond Briffa ddikjara lill-Pulizija u xehed quddiem din il-Qorti li s-self li ħa u l-ħlas lura effettwat kien is-segwenti:

- Settembru 2016 €1,000 - Novembru 2016 €2,000 imħallsa lura;
- Jannar 2017 €1,500 - Marzu 2017 €3,000 imħallsa lura;
- Mejju 2017 €2,500 - Lulju 2017 €5,000 imħallsa lura;
- Ottubru 2017 €500 - Diċembru 2017 €1,000 imħallsa lura;
- Jannar/Frar 2018 €2,000 - Mejju 2018 €4,400 imħallsa lura;
- Ġunju 2018 €2,500 - Awwissu 2018 €4,000 pretiżi lura iżda Briffa ma ħallashomx.

Għalkemm fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li s-self, mingħandu lil Briffa, kien ta' €1,000 għal ħames darbiet, il-Qorti ma hijiex affattu propensa li temmnu għar-raġuni li meta xehed f'dawn il-proċeduri waqt is-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2023, huwa ammetta għal xenarju differenti minn dak minnu oriġinarjament propost. Il-flus ma ġewx mingħandu iżda mingħand terz u allura s-somma ta' €1,000 li huwa jikkontendi li ġiet mislufa minnu lil Briffa kull darba ma hijiex affattu ta' min joqgħod fuqha.

Kuntrarjament għall-imputat, Raymond Briffa kemm dejjem ferm iktar konsistenti fid-dikjarazzjonijiet u xhieda tiegħu u baqa' jsostni l-ammonti mislufa u mħallsa lura, tul l-istadju kollu ta' l-investigazzjoni u ta' dawn il-proċeduri. In kontro-eżami waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2023[34], Raymond Briffa stqarr li meta ssellef il-flus ġieli ħallas iktar u ġieli le għax ħallas kemm issellef. Fis-sottomissjonijiet finali d-Difiża argumentat li a bażi ta' tali dikjarazzjoni din il-Qorti ma tistax tasal għall-kwistjoni dwar meta u kif seta' allura sar ftehim biex il-ħlas lura jkun ferm in eċċess ta' l-ammont misluf. Din il-Qorti però hija kemm xejn retiċenti li a bażi ta' din id-dikjarazzjoni - magħmula minn Raymond Briffa

---

[32] Il-Pulizija v. Rosario Brincat, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2021, Il-Pulizija v. George Xuereb, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Jannar 2009, Il-Pulizija v. Emanuel Ellul, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Jannar 2022.
[33] Fol. 197 u 198 tal-proċess.
[34] Fol. 183 sa' 188 tal-proċess.

fi żmien meta saħaq fuq li saħaq li hu u l-imputat kienu u għadhom ħbieb, li kollox *square* bejniethom u li qatt ma ried jirrappurtah - tinjora jew tiskarta x-xhieda mogħtija in eżami fejn spjega ben tajjeb x'issellef u x'ħallas lura. Il-Qorti fermament temmen li fit-28 ta' Frar 2023, Briffa kien qed jipprova jagħmel dak kollu li seta' biex itaffi l-effetti u l-implikazzjonijiet ta' dawn il-proċeduri fuq l-imputat, iżda tali tentattiv ma jistax u ma għandux ixejjen għal kollox dak kollu li jirriżulta mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, iktar u iktar meta f'dik l-istess xhieda tenna li meta kien jissellef il-flus l-imputat kien jgħidlu kemm iktar kien ikun irid jitħallas min tah il-flus.

L-ammonti mħallsa lura minn Raymond Briffa għall-flus li kien jgħaddilu l-imputat huma kjarament ferm in eċċess tar-rata ta' imgħax applikabbli għal tali self, in effetti huwa kien iħallas lura pratikament id-doppju ta' dak li kien jissellef. Fiċ-ċirkostanzi r-rata ta' imgħax li għandha tapplika fil-każ in eżami hija dik ta' 8% ai termini ta' l-Artikolu 1139 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Appliktata r-rata ta' 8% fis-sena għall-ammonti mislufa minn Raymond Briffa bejn Settembru 2016 sa' Awwissu 2018, jirriżulta ferm evidenti u jiġi ribadit li l-ammonti imħallsa lura minnu huma ferm in eċċess minn tali rata ta' imgħax applikabbli. In effetti l-imgħax dovut fuq **sena** (ma ninsewx li l-ħlasijiet lura ġew effettwati fuq medda ta' ftit xhur) fuq l-ammonti mislufa huwa s-segwenti:

- €1,000 misluf f'Settembru 2016 - €1,000 x 8% = €80 fis-sena u kwindi fuq ftit xhur l-ammont jerġa jkun inqas u ħlas lura f'Novembru 2017 ta' €2,000 huwa għal kollox eċċessiv;
- €1,500 misluf f'Jannar 2017 - €1,500 x 8% = €120 fis-sena u kwindi fuq ftit xhur l-ammont jerġa jkun inqas u ħlas lura f' ta€ '3,000 f'Marzu 2017 huwa għal kollox eċċessiv;
- €2,500 misluf f'Mejju 2017 - €2,500 x 8% = €200 fis-sena u kwindi fuq ftit xhur l-ammont jerġa jkun inqas u allura ħlas lura ta' €5,000 f'Lulju 2017 huwa għal kollox eċċessiv;
- €500 misluf f' Ottubru 2017 - €500 x 8% = €40 fis-sena u kwindi fuq ftit xhur l-ammont jerġa jku inqas u allura ħlas lura ta' €1,000 f'Diċembru 2017 huwa għal kollox eċċessiv;
- €2,000 misluf f'Jannar/Frar 2018 - €2,000 x 8% = €160 fis-sena u kwindi fuq ftit xhur l-ammont jerġa' jkun inqas u allura ħlas lura ta' €4,400 f'Mejju 2018 huwa għal kollox eċċessiv;
- €2,500 f'Ġunju 2018 - €2,500 x 8% = €200 fis-sena u kwindi fuq ftit xhur l-ammont jerġa' jkun inqas u allura pretiż ħlas lura ta' €4,400 huwa għal kollox eċċessiv.

Ma hemmx dubju għalhekk li Raymond Briffa kien f'dawn iċ-ċirkostanzi vittma ta' użura, użura li l-imputat kien involut fiha bħala intermedjarju bejn il-persuna li tat il-flus lil Briffa u l-istess Briffa. Għalkemm l-imputat kien hekk intermedjarju bejniethom, huwa xorta waħda jirriżulta ħati ai termini ta' l-Artikolu 298Ċ(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-imsemmi provvediment tal-Liġi kjarament jiddisponi li *kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw,* ***lilu jew lil oħrajn***[35]*, b'korrispettiv għal xi self, imgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tmintax-il xahar u għall-ħlas ta' multa minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmi*

[35] Enfasi tal-Qorti.

*(€2,329.37) sa' erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin Euro u sittin ċenteżmu (€34,940.60).*

Fil-kors tas-sottomissjonijiet orali d-Difiża ssollevat kontestazzjoni għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat rigwardanti ż-żmien temporali tali imputazzjoni.

Kif osservat iktar 'l fuq, l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat hija li f'dawn il-Gżejjer, fil-perijodu **ta' bejn Settembru 2016 u fix-xhur ta' qabel u/jew ta' wara**, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Irċieva mingħand Raymond George Briffa, billi kiseb mingħandu xi wegħda li tingħata lilu jew lil oħrajn b'korrispettiv għal xi servizz ta' self ta' flus, imgħaxijiet jew xi qliegħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, liema qliegħ jammonta fi ħsara magħmula minnu li hija ta' aktar minn €5,000.

Ma hemm assolutament l-ebda dubju li l-ewwel darba li Raymond Briffa ssellef flus tramite l-imputat kien f'Settembru 2016 u l-aħħar li ssellef kien f'Ġunju 2018. Il-kwistjoni allura tirrigwarda t-tifsil ta' l-imputazzjoni fuq il-medda ta' żmien bejn Settembru 2016 u **fix-xhur ta' wara**. Id-Difiża targumenta li ladarba s-self minn Briffa baqa' għaddej sa' Ġunju 2018, diversi istanzi ta' self li rriżultaw f'dan il-każ immorru lil hinn miż-żmien tal-kawża peress illi Ġunju 2018 jfisser, bħala żmien, perijodu ta' iktar minn xhur.

Il-Qorti kkunsidrat din il-kwistjoni bir-reqqa u anke kkunisdrat iż-żewġ sentenzi li għalihom għamlet referenza d-Difiża waqt is-sottomissjonijiet orali u wara debita konsiderazzjoni tqis li hija iktar propensa li ssegwi l-insenjament enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jefrin Grech**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' April 2021, fejn ingħad illi: *din il-Qorti, anke kif presjeduta, kellha diversi drabi l-okkażjoni li tistqarr li l-lokuzzjoni taż-żmien fiċ-ċitazzjoni hija importanti. Għalkemm din l-istess Qorti tkun lesta, f'każijiet ta' din in-natura li tagħti spazju għal variances li jistgħu jirriżultaw bejn il-provi u ċ-ċirkostanzi imsemmija fiċ-ċitazzjoni - u dan dejjem minħabba li ċitazzjoni hija del resto 'un avviso a comparire" - mill-banda l-oħra dawn il-variances ma jistgħux ikunu tali li jiżnaturaw in-natura ta' l-azzjoni kriminali magħmula mill-Prosekuzzjoni b'mod li jxejnu d-Dritt tad-Difiża xierqa. Il-Prosekuzzjoni dejjem kellha l-għażla li titlob korrezzjoni għaċ-ċitazzjoni fl-istadju proċedurali debitu - ħaġa li ma jirriżultax li saret - biex tkun tista' tkun aktar preċiża fid-dettalji spazio-temporali ta' l-imputazzjonijiet. Apparti minn hekk anke l-lokuzzjoni wiesa' li tinkludi jiem u xhur, għalkemm hija lokuzzjoni li hija aċċettata minn dawn il-Qrati xorta waħda trid tiġi wżata b'ċerta attenzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-lokuzzjoni għandha tingħata t-tifsira ordinarja skond il-kalendarju. B'hekk il-kalendarju għandu kliem li jirriflettu kunċetti temporali speċifiċi. Erbgħa u għoxrin siegħa jagħmlu jum. Tmienja u għoxrin jum jew disa' u għoxrin jum jistgħu jagħmlu x-xahar ta' Frar skond f'liema sena dak ix-xahar jaħbat; daqs kemm tletin jew wieħed u tletin jum isawru l-kumplament tax-xhur skond il-kalendarju. Mill-banda l-oħra, sebat ijiem jagħmlu ġimgħa daqskemm erba' jew ħames ġimgħat, skond kif jaħbtu, jagħmlu wkoll xahar. Iżda bla dubju tnax-il xahar jagħmel sena. Mistqarr dan kollu b'hekk, meta din il-Qorti tiġi konfrontata b'lokuzzjoni akkużatorja li tgħid "f'Lulju 2006, jew jiem jew xhur wara"* [fil-każ in eżami bejn Settembru 2016 u fix-xhur ta' qabel u/jew ta' wara] *Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha tinterpreta din il-lokuzzjoni temporali bħala li tirreferi għax-xahar ta' Lulju kollu, inkluż il-jiem u xhur ta' wara. Din il-frażi filwaqt li tinkludi "xhur", ma issemmix "snin". Minn din il-lokuzzjoni tat-tieni*

*imputazzjoni Qorti tista' tinferixxi li l-intenzjoni tal-Prosekutur kienet li jixli lill-imputat bir-reat de quo kif allegatament minnu kommess bejn ix-xahar ta' Lulju 2006 u x-xhur ta' wara però ma jinkludix ukoll snin ta' wara, in kwantu li kieku dik kienet l-intenzjoni tal-Prosekutur huwa kien ikun aktar ċar u speċifiku li jindika l-kelma "snin". Verament li għadd kbir ta' xhur jista' wkoll jikkostitwixxi snin. Iżda l-liġi kriminali ma tistax tiġi interpretata b'dan il-mod daqshekk laxk u wiesa'. Ir-riferenza għal xhur għandha tkun ristretta għal ammont ta' xhur f'kalendarju li ma jagħmlux flimkien aktar minn sena. Għalhekk il-kelma "xhur" għandha tinftiehem li tinkludi sa' massimu ta' total ta' tnax-il xahar inkluż ix-xahar li għalih tkun qed issir ir-riferenza fl-att akkużatorju. F'dan il-każ għalhekk din il-Qorti tista' tinterpreta t-tifsira ta' "xhur" bħala li tinkludi dak l-ispazju temporali bejn Lulju 2006 u l-aħħar jum ta' Ġunju 2007. Iżda mhux aktar minn hekk għaliex mad-dekors ta' l-aħħar jum ta' Ġunju jidħol fix-xena l-kuntest ta' "sena" jew "snin" - ħaġa li f'dan il-każ tħalliet barra mil-lokuzzjoni wżata mill-Prosekuzzjoni fit-tieni imputazzjoni kontestata minnha lill-appellat.*

Applikat dan l-insenjament għall-każ in eżami jsegwi għalhekk li għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri l-Qorti tista' tieħu in konsiderazzjoni biss is-segwenti istanzi ta' ammonti mislufa minn Raymond Briffa tramite l-imputat:

- Is-somma ta' €1,000 li ssellef f'**Settembru 2016** u li tagħha f'Novembru 2016 ħallas lura s-somma ta' €2,000;
- Is-somma ta; €1,500 li ssellef f'**Jannar 2017** u li tagħha f'Marzu 2017 ħallas lura is-somma ta' €3,000 f'Marzu 2017; u
- Is-somma ta' €2,500 li ssellef f'**Mejju 2017** u li tagħha f'Lulju 2017 ħallas lura €5,000.

Peress illi s-self sussegwenti seħħ f'**Ottubru 2017**, dan, flimkien maż-żewġ istanzi ta' self ulterjuri sa' **Ġunju 2018**, jaqgħu 'l barra miż-żmien ta' l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront ta' l-imputat għaliex f'tali każ jidħol il-kunċett ta' sena/snin u mhux iktar xhur.

Dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-imputat għandu, għaliex hekk ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli mill-Prosekuzzjoni, jinstab ħati tar-reat ta' użura ai termini ta' l-Artikolu 298Ċ(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda jeffettwa in kwantu rigwarda l-aggravanti tal-valur. In effetti l-Prosekuzzjoni tixli lill-imputat li il-ħsara minnu kawżata hija iktar minn €5,000 bil-konsegwenza li japplika dak provdut fl-Artikolu 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - *fil-każijiet imsemmija f'dan is-Sub-titolu*[36] *- (a) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħamest elef euro (€5,000), il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa' disa' snin* - hekk kif rifless ukoll fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali.

Mill-provi prodotti jirriżulta li **l-ammont imħallas lura minn Raymond Briffa bejn Novembru 2016 u Lulju 2017 kien ta' €10,000**, li minnhom **€5,000 jirrappreżentaw l-ammonti minnu mislufa f'Settembru 2016, f'Jannar 2017 u f'Lulju 2017**. Il-bilanċ ta' €5,000 huwa ħlas żejjed magħmul minnu iżda ma jistax jitqies li huwa kollu użura għaliex min sellef il-flus lil Briffa kellu kull dritt iżomm imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena. Minn dan isegwi għalhekk li il-valur tal-ħsara kawżata huwa inqas, mhux b'ħafna imma xorta inqas, minn €5,000 u għaldaqstant l-aggravanti ta' l-

[36] Sub-Titolu III tat-Titolu IX tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - Artikoli 293 sa' 310BA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma ssibx applikazzjoni f'dan il-każ **iżda** ssib applikazzjoni l-aggravanti ta' l-Artikolu 310(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia *fil-każijiet imsemmija f'dan is-Sub-Titolu - ... (b) meta l-ammont ta' ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000), il-piena tkun ta' priġunerija minn sitt xhur sa' erba' snin: Iżda jekk il-piena stabbilita għar-reat relevanti fl-artikoli preċedenti ta' dan is-Sub-titolu tkun ogħla mill-piena stabbilita f'dan il-paragrafu, għandha tapplika l-piena l-ewwel imsemmija miżjuda bi grad u fil-każ tar-reat taħt l-artikolu 294, il-piena hekk miżjuda ma tingħatax fil-minimu tagħha.*

Waqt is-sottomissjonijiet orali d-Difiża żiedet tissottometti li una volta japplika l-Artikolu 310(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-finijiet ta' piena, l-azzjoni fil-konfront ta' l-imputat hija preskritta.

Hawn il-Qorti però assolutament ma taqbilx mad-Difiża stante li ladarba l-imputat qed jiġi mixli bir-reat kontinwat ta' użura ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif rifless ukoll fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali, it-terminu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-aħħar data li twettaq tali reat, ossia fil-każ in eżami minn **Mejju 2017** li kienet l-aħħar data, għall-finijiet taż-żmien temporali pertinenti għall-proċeduri odjerni u l-mod kif l-imputazzjoni ġiet dedotta fil-konfront ta' l-imputat, meta Raymond Briffa ssellef flus tramite l-istess imputat.

Il-piena prevista fl-Artikolu 298Ċ(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta hija ta' pruġunerija għal żmien mhux iżjed minn tmintax-il xahar u għall-ħlas ta' multa minn €2,329.37 sa' €34,940.60, filwaqt illi kif appena osservat il-piena ai termini ta' l-Artikolu 310(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta hija ta' priġunerija minn sitt xhur sa' erba' snin. Ladarba l-piena prevista fl-Artikolu 310(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta hija ogħla mill-piena prevista fl-Artikolu 298Ċ(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-proviso ta' l-Artikolu 310(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta japplikax għall-każ in eżami u allura l-piena li huwa suġġett għaliha l-imputat għar-reat minnu wettaq fil-konfront ta' Raymond Briffa, hija ta' priġunerija minn sitt xhur sa' erba' snin.

Ladarba l-piena massima hija dik ta' erba' snin ( jew ta' ħames snin jew sitt snin meta jittieħed in konsiderazzjoni l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Liġi jista' jiġi kkunsidrat għall-finijiet ta' preskrizzjoni[37]) it-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak previst fl-Artikolu 688(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort' oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni - ... (ċ) bl-**egħluq ta' għaxar snin** għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien **ta' anqas minn disa' snin u mhux anqas minn erba' snin**[38].*

L-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat ġiet ippreżentata fid-29 ta' April 2022 u l-ewwel seduta, fejn l-imputazzjoni ġiet moqrija u kkonfermata bil-ġurament mill-Prosekuzzjoni u l-imputat wieġeb għall-istess, inżammet fl-24 ta' Mejju 2022, ossia ben entro t-terminu ta' għaxar snin dekoribbli minn Mejju 2017.

Fid-dawl ta' dan għalhekk, una volta l-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli għall-każ in eżami huwa dak previst fl-Artikolu 688(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront ta' l-imputat ma hijiex preskritta.

---

[37] Il-Pulizija v. Joseph Debono, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Ottubru 2013

[38] Enfasi tal-Qorti.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikolu 298Ċ(2) u (3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet, liema dispożizzjonijiet tal-Liġi jipprovdu li: *(2) L-istess piena msemmija fis-subartikolu (1) tapplika għal kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor, jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi servizz li jkun jikkonsisti f'xi benefiċċju ieħor ta' liema xorta jkun, imgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi jew li jkun xort' oħra sproporzjonat b'mod grossolan mas-servizz mogħti. (3) L-istess piena msemmija fis-subartikolu (1) tapplika wkoll għal kull min, minkejja li ma jkunx kompliċi fir-reat imsemmi fl-istess subartikolu, jindaħal biex jipprokura għal persuna oħra ammont ta' flus jew xi benefiċċju ieħor billi jġiegħel persuna tagħti jew twiegħed li tagħti, lilu stess jew lil oħrajn, minħabba fl-indħil tiegħu, kumpens sproporzjonat b'mod grossolan.*

Il-Qorti tqis li a bażi ta' dak li rriżulta mill-provi prodotti f'dawn il-proċeduri u a bażi tal-fatt li l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat ta' użura ai termini ta' l-Artikolu 298Ċ(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-subartikoli (2) u (3) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi.

Il-Prosekuzzjoni titlob - u dana jinsab rifless fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali - li l-imputat jiġi ordnat iħallas lil Raymond Briffa dak l-ammont li jista' jiġi stabbilit Minnha meta jiġi ppruvat l-ammont ta' imgħax, jew korrispettiv f'ammont, huwa b'eċċess minn dak li hu permess bil-liġi jew li xort' oħra jkun sproporzjonat b'mod grossolan mis-servizz mogħti hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 298Ċ(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imsemmi provvediment tal-Liġi jiddisponi illi: *(5) Meta, matul il-proċeduri kriminali għal reat taħt dan l-artikolu jiġi ppruvat quddiem il-qorti li l-akkużat irċieva mingħand xi persuna oħra ammont ta' imgħax, jew korrispettiv f'ammont b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi jew li xort' oħra jkun sproporzjonat b'mod grossolan mas-servizz mogħti, il-qorti għandha tordna lill-akkużat iħallas lill-persuna l-oħra dak l-ammont li jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala li jkun l-eċċess li jkun irċieva l-akkużat kif ingħad qabel. Dak l-ordni tal-qorti jkun bla ħsara għal xi dritt ta' dik il-persuna l-oħra biex tiġbor b'xi mod ieħor kull ammont akbar dovut lilha u l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv li jista' jiġi esegwit bħallikieku kien sentenza finali mogħtija f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuna li lilha jiġi ordnat il-ħlas.*

Fil-fehma tal-Qorti una volta li mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat kien intermedjarju bejn Raymond Briffa u l-persuna li kienet qed tipprovdi l-flus u tippretendi ħlas eċċessiv lura għas-self provdut, u b'hekk huwa personalment fil-verità ma daħħal xejn (ħlief għal dawk l-ammonti ta' €50 mogħtija lilu volontarjament minn Raymond Briffa) minn tali ħlas eċċessiv dak provdut fl-Artikolu 298Ċ(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistax jiġi applikat fil-konfront ta' l-imputat u għaldaqstant it-talba relattiva tal-Prosekuzzjoni għandha tiġi miċħuda.

Għal kull buon fini l-Qorti tosserva illi l-fatt li l-imputat ma daħħal xejn mill-ammonti eċċessivi mħallsa minn Raymond Briffa għas-self minnu ottenut jirriżulta ukoll mill-elenku ta' l-assi tiegħu kif riżultanti mir-Rapport ta' l-Uffiċċju għall-Irkupru ta' l-Assi Dok. "ARB" a fol. fol. 137 sa' 173 tal-proċess. B'hekk ittenni li t-talba ai termini ta' l-Artikolu 298Ċ(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma ssibx applikazzjoni fil-każ in eżami.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti, filwaqt li ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, ħadet in konsiderazzjoni wkoll ir-rwol tiegħu f'din il-kwistjoni u l-fatt li l-fedina penali ta' l-imputat in atti[39] hija netta u ma tressqitx prova li reġa' xellef dufrejgħ mal-Ġustizzja.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-Artikolu 298Ċ(2) u (3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta indikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 25 ta' Novembru 2022 u tiddikjara li l-azzjoni fil-konfront ta' l-imputat ma hijiex preskritta in kwantu t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak previst fl-Artikolu 688(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 298Ċ(1)(4) u 310(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, b'dana però li l-ħsara magħmula filwaqt li hija aktar minn ħames mitt Euro (€500) hija inqas minn ħamest elef euro (€5,000), u tikkundannah għall-perijodu ta' sena (1) priġunerija iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, b'mod partikolari li l-imputat għandu fedina penali netta u ma jirriżultax li reġa xellef dufriegħ mal-Ġustizzja, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sena (1) priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta' sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Il-Qorti tiċħad it-talba avvanzata mill-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 298Ċ(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 28H, 532A u 532B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, indikati fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali in kwantu mhux applikabbli għall-każ in eżami. Tastjeni ukoll milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u tad-deċiżjoni hawn appena mogħtija, il-Qorti tordna r-revoka ta' l-Ordni ta' Iffriżar maħruġ fil-konfront ta' l-imputat b'Digriet datat 14 ta' Lulju 2022 u tordna l-komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Uffiċċju ta' l-Irkupru ta' l-Assi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[39] Fol. 3 tal-proċess.